MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 89/2004

**Citadel Insurance plc**

**Vs**

**Kenneth Ruggier**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u zewg centezmi (Lm206.02) rappresentanti sehem ta' diversi *premia* migbura mill-konvenut bhala *sub-agent* tas-socjeta attrici u dana kif jirrizulta minn kopja ta' *statement of account* anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A, liema sehem hu dovut lill-istess socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2003 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u zewg centezmi (Lm206.02), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------